FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 25 TA' MEJJU 2016

Il-Pulizija

Spettur Maurice Curmi

vs

Kenneth Gafa'

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 241172M talli;

1. fi Frar 2011 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz' jew billi nqeda b'qerq iehor ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika ghamel qliegh ta' aktar minn €2, 329.37 u cioe' cirka €11,000, ghad-detriment ta' Lino Sammut detentur tal-karta tal-identita' numru 383236M, ai termini tal-Artikoli 18, 308, 309, u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalieh jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' s-somma ta' aktar minn €2,329.37 u cioe' cirka €11,000 ghad-detriment ta' Lino Sammut detentur tal-karta tal-identita' numru 383236M, ai termini tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B, u 533 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu  u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 18, 293, 294, 308, 309, 310 532A, 532B u 533 tal-Kap 9  tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi:   Tikkundannah 13 il-xahar prigunerija.

A.M. Trigona

Magistrat